# RESTAWR TAL-ARLOĠĠ TAL-KNISJA TAL-QRENDI.

## MOD TA' KIF JAĦDEM DAN L-ARLOĠĠ – IMFISSER MILL-ARLUĠĠAR STEPHEN ZAMMIT

Bħall-uħud mill-arloġġi kbar li nsibu fil-knejjes, dan l-arloġġ tal-knisja parrokkjali tal-Qrendi jaħdem billi r-roti jduru permezz ta' ġibda mill-ħbula miġbudin minn mażżri.

Fil-kas ta' dan l-arloġġ, għalkemm huwa qiegħed f'magna sħiħa, dan fil-fatt għandu tlitt taqsimiet:

- It-taqsima tan-nofs li hija l-parti li żżomm il-ħin u turi l-ħin bil-minutiera fuq il-wiċċ ta' l-arloġġ fuq barra. Din hija l- parti li nisimgħuha ittektek f'arloġġ permezz taċ-ċaqlieqa tal-pindlu.
- Taqsimiet l-oħra hija dik li ddoqq il-kwarti
- It-tielet taqsima hija dik li ddoqq is-sigħat.

Is-saħħa biex iduru r-roti tiġi mill-mażżri li kienu jkunu mdendlin għal tul il-kampnar bi ħbula mkebbin mar-rombli tal-arloġġ. Ir-rombli tal-injam huma mqabbdin ġo fusien li jdawwru r-roti bis-saħħa tal-gibda tal- mazzri. B'hekk l-espressjoni bil-Malti li tghid 'tagħti l-ħabel l-arloġġ' għax meta jagħtuh il-ħabel tfisser li kebbibt il-ħabel fuq ir-romblu; allura tkun tellajt il-mażżri 'il fuq biex jerġa jkollu ġurnata tul ta' ħabel sakemm jerġa jkollu bżonn terġa tagħtih, inkella jieqaf.

Id-daqq tal-arloġġ jindaqq fuq żewġt iqniepen. Waħda żgħira li tirrapprezenta il-kwarti, u waħda ikbar li tirrappreżenta s-sigħat. It-tokki taż-żgħira jgħoddu l-kwarti u t-tokki tal-kbira jgħoddu n-numru tas-siegħa li tkun. Pereżempju, meta nisimgħu l-arloġġ idoqq erbgħa u waħda, din tfisser erbgħa għall-kwarti u waħda għas-siegħat. Mela jkun ifisser li l-ħin huwa s-siegħa. Dwar is-siegħat tal-arloġġi antiki tal-knejjes, ta' min jgħid li minħabba li kien jaħli ħafna ħabel biex idoqq tokki twal, bħat-tnax ta' nofsinhar, dak iż-żmien kienu jaqsmu il-ġurnata f'erbgħa (bħala daqq). B'hekk is-sebgħa ta' filgħodu tinstema tindaqq bħas-siegħa ta' filgħodu jew ta' wara nofsinhar.

It-tabella t'hawn taħt turi kif jindaqqu l-kwarti u s-sigħat.

| | | Kwarti | Sigħat |
|---|---|---|---|
| 1am jew pm | 7am jew pm | 4 | 1 |
| 2am jew pm | 8am jew pm | 4 | 2 |
| 3am jew pm | 9am jew pm | 4 | 3 |
| 4am jew pm | 10am jew pm | 4 | 4 |
| 5am jew pm | 11am jew pm | 4 | 5 |
| 6am jew pm | 12am jew pm | 4 | 6 |

Iżda xi ħaġa partikolari li għandu dan l-arloġġ u kienet użanza ta' dak iż-żmien hija li f'nofs il-lejl nieqes kwart u f'nofsinhar nieqes kwart, in-naħa tas-siegħat iddoqq sbatax minflok ħamsa. B'hekk minflok 3 u 5 f'nofsinhar neqsin kwart, nisimghu 3 u 17 il-tokk.

Ix-xogħol tat-tiswija ta' dan l-arloġġ kien kbir ħafna iktar milli wieħed jista' jaħseb. Kellu jiżżarma kollu biċċa biċċa, fejn kull rota ġiet żarmata kompletament. Kellhom jinbidlu l-biċċiet mikulin biż-żmien u kellu jitneħħa s-sadid li trabba matul is-snin.

Minbarra hekk, kellhom jiġu mibdula jew irranġati l-boxxli tar-ram fuq xiex iduru il-fusien tar-roti. F'waħda mir-roti prinċipali tal-ħin saħansitra kellhom jinbidlu s-snien kollha tagħha, minħabba li kienu ttieklu. Dan kien importanti biex issa jista' jmur aħjar bħala ħin.

Apparti t-tiswija tal-magna, ġew mibdula t-travi u l-imrietel tal-qniepen fuq il-bejt. It-travi tal-injam kienu miksurin u bdew jissewsu wkoll. Issa l-imrietel saru bil-parti l-kbira minnhom ikunu ta' *'stainless steel'* biex ikunu reżistenti iktar għal maltemp u sadid.

Biex l-arloġġ ma jibqax jingħatalu il-ħabel kuljum, b'invenzjoni tiegħi, issa l-arloġġ għandu sistema fejn qed jieħu l-ħabel waħdu bl-elettriku, mingħajr l-għajnuna ta' ħadd. Dan huwa ta vantaġġ kbir minħabba li m'hemmx għalfejn toqgħod titla' ħdejn l-arloġġ kuljum iżda biss meta jkun hemm  bżonn tirranġalu xi ftit il-ħin. Din is-sistema diġa' implimentajtha f'diversi arloġġi madwar Malta, fosthom fil-Kon-Katidral ta San Ġwann.

Invenzjoni oħra tiegħi f'dan l-arloġġ hi li issa l-arloġġ jitfi id-daqq tal-qniepen matul il-lejl u jerġa' jibda jdoqq fis-sitta ta' filgħodu. Biex saret din il-bicca xogħol kellhom jiżdiedu xi roti mal-arloġġ. Hawn importanti li ngħid li  xejn minn din iż-żieda  m'hi mqabbda permanenti jew b'welding skont is-sengħa. Allura kollox huwa riversibli biex, jekk xi darba jinħass il-bżonn, isir kollox kif kien oriġinarjament mingħajr ma jintilfu l-identita' u l-antikita' ta' dan l-arloġġ.

Fl-aħħar nett irrid nirringrazzja lil-Kappillan u lil Fr. Emmanuel Agius tal-fiduċja li wrew fija kif ukoll nixtieq nirringrazzja  lil Ninu Bezzina li tant kien paċenjuż miegħi matul il-ħidma ta' dan il-proġett.

Stephen Zammit

Arluġġar